

**Brussell, 6 ta' Novembru 2025
(OR. en)**

14880/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0012 (NLE)**

**SOC 723
EMPL 481**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Opinjoni tal-EMCO dwar it-titjib tal-kamp ta' applikazzjoni u r-rilevanza tal- ġbir tad-data fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali dwar id-djalogu soċjali - Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-Opinjoni msemmija hawn fuq, bil-għan li tiġi approvata mill-Kunsill (EPSCO) fis-sessjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2025.



23 ta' Ottubru 2025

Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi

It-titjib tal-kamp ta' applikazzjoni u r-rilevanza tal-ġbir tad-data fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali dwar id-djalogu soċjali, inkluż dwar in-negozjar kollettiv, għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea

INTRODUZZJONI

- Id-djalogu soċjali huwa komponent ewlieni tal-mudell tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-Unjoni Ewropea, inkorporat fil-prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.**
Id-djalogu soċjali fil-livelli kollha, inkluż dawk Ewropej u nazzjonali, transsettorjali u settorjali, jipprovdi lis-swieq tax-xogħol tagħna u lill-ekonomiji tagħna bl-adattabbiltà meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet li qed tiffaċċa l-Ewropa, bħad-dekarbonizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni demografika. Il-Kummissjoni Ewropea, abbażi tal-linji gwida politiċi tal-President von der Leyen (2024-2029), u l-Kunsill, abbażi tal-Linji Gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, iqisu li d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma kruċjali biex jiġu żgurati kemm il-kompetittività ekonomika kif ukoll il-ġustizzja soċjali u qieghduhom fuq quddiem nett tal-prijoritajiet tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, il-Presidenza Belġjana f'isem il-Kunsill u s-sħab soċjali Ewropej gēddew l-impenn tagħhom li jsaħħu aktar id-djalogu soċjali fid-Dikjarazzjoni Tripartitika ta' Val Duchesse tal-31 ta' Jannar 2024. Id-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe tal-2024 dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali¹ tenfasizza wkoll ir-rwol tad-djalogu soċjali. Dan l-aħħar, fil-5 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni u s-sħab soċjali transindustrijali fil-livell tal-UE ffirmaw Patt ġdid għad-Djalogu Soċjali Ewropew, imfassal biex jiżgura li l-kompetittività futura tal-UE timxi id f'id ma' impjiegi ta' kwalità u forza tax-xogħol mġhammra bil-ħiliet it-tajba.

¹ Iffirmata mir-Renju tal-Belġju f'isem 25 Stat Membru

2. **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill C/2023/1389 tat-12 ta' Ġunju 2023 dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea hija l-ewwel strument legali fl-acquis tal-UE li huwa ddedikat bis-sħiħ għad-djalogu soċjali.** Ir-Rakkomandazzjoni tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif jiżguraw ambjent abilitanti għal djalogu soċjali bipartitiku u tripartitiku, inkluż in-negozjar kollettiv, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, fil-livelli kollha, f'kuntest fejn is-sehem ta' ħaddiema koperti minn ftehimiet kollettivi naqas b'għaxar punti perċentwali bejn l-2000 u l-2019 (minn 66 % għal 56 %²). Id-dispożizzjonijiet tagħha tfasslu b'mod li jirrispetta t-tradizzjonijiet nazzjonali u l-awtonomija tas-sħab soċjali, filwaqt li jirrakkomandaw lill-Istati Membri, fost affarijiet oħra, jiżguraw il-konsultazzjoni mas-sħab soċjali dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u dawk soċjali, u jippermettu n-negozjar kollettiv, filwaqt li jindirizzaw ukoll forom ġodda ta' xogħol u forom atipiċi u mhux standard ta' impjeg.
3. **Il-paragrafu 13 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill stieden lill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) jesplora, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali rilevanti, il-possibbiltà li jittejbu l-kamp ta' applikazzjoni u r-rilevanza tal-ġbir tad-data fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali dwar id-djalogu soċjali, u jagħti Opinjoni lill-Kunsill dwar dan, inkluż dwar in-negozjar kollettiv, adatt għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni.** Fi tmiem l-2023, il-membri tal-EMCO qablu li jagħtu mandat lill-Grupp dwar l-Indikaturi (EMCO IG) tiegħu biex iwettaq ħidma preparatorja f'konformità mas-sejħa li saret fir-Rakkomandazzjoni. Wara seminar li organizza f'Marzu 2024 dwar "Data u statistika dwar id-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv", bejn Diċembru 2024 u Mejju 2025 l-EMCO IG iddiskuta lievi politiċi, ħa kont tas-sorsi ta' data eżistenti u identifika l-ħtiġijiet għal titjib possibbli fil-ġbir tad-data, bil-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali transindustrijali Ewropej. Fl-aħħar mill-aħħar, din l-Opinjoni għandha sservi biex tottimizza l-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, bħala parti mill-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali mwettqa mill-EMCO fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

² [OECD/AIAS database on Institutional Characteristics of Trade Unions, Wage Setting, Intervention and Social Pacts \(ICTWSS\)](#) (Bażi ta' data tal-OECD/AIAS dwar il-Karatteristiċi Istituzzjonali tat-Trade Unions, l-Iffissar tal-Pagi, l-Intervent u l-Patti Soċjali (ICTWSS)).

4. **Is-sett ta' 14-il lieva politika anness ma' din l-Opinjoni, ibbażat fuq il-ħidma preparatorja tal-EMCO IG, jirrifletti d-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni f'format imfassal biex jiddefinixxi l-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha.** Il-lievi politiċi proposti ġew definiti biex jiġi determinat jekk u kif id-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Rakkomandazzjoni huma riflessi fil-leġiżlazzjoni jew fil-prattika nazzjonali u/jew f'miżuri jew mekkaniżmi politiċi rilevanti oħra adottati mill-Istati Membri. Il-"valuri" assoċjati mal-lievi politiċi huma ġeneralment magħmula minn informazzjoni konċiża dwar oqfsa nazzjonali eżistenti.

KUMMENTI ĠENERALI

5. **Is-sitwazzjoni attwali tal-ġbir tad-data dwar id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv turi lakuni, b'mod partikolari relatati mal-komparabbiltà tad-data madwar l-Istati Membri.** Hemm lok għal titjib fil-kamp ta' applikazzjoni u r-rilevanza tal-ġbir tad-data biex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tar-Rakkomandazzjoni fit-tul, filwaqt li tiġi mobilizzata data aġġornata, preċiża u konsistenti. Dan jimplika d-definizzjoni ta' kamp ta' applikazzjoni xieraq għall-ġbir tad-data rilevanti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, bl-attenzjoni dovuta biex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-data magħżula kif ukoll il-kontinwità tas-serje tad-data tul iż-żmien, filwaqt li fl-istess ħin il-piż amministrattiv jinżamm ħafif.
6. **Hemm fehim komuni li t-titjib fil-ġbir tad-data jista' jinkiseb mingħajr żidiet sinifikanti fil-piż amministrattiv li jirriżulta minn rekwiżiti ġodda ta' rappurtar għall-Istati Membri.** F'konformità mad-deċiżjoni tal-EMCO ta' Settembru 2025 li tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni permezz ta' Rieżami tad-Djalogu Soċjali ristrutturati li għandu jsir kull sentejn mill-2026 'il quddiem, din l-Opinjoni tipproponi li jsir użu minn rieżamijiet futuri biex tissaħħaħ ukoll progressivament il-bażi tal-evidenza dwar id-djalogu soċjali. Dan l-approċċ jippermetti l-isfruttament tal-informazzjoni kwantitattiva eżistenti dwar il-kopertura tan-negozjar kollettiv u d-densità tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, filwaqt li jislet minn ħafna data kwalitattiva diġà disponibbli dwar id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv.

7. **Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-analiżi u l-kejl tal-progress fir-rigward tad-dimensjonijiet politiċi tar-Rakkomandazzjoni x'aktarx jinkisbu b'mod aktar effettiv permezz tal-użu ta' indikaturi kwalitattivi**, peress li r-Rakkomandazzjoni tinkludi diversi dimensjonijiet politiċi li jikkontribwixxu għal ambjent abilitanti għad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv li ma jistgħux jitkejlu kollha b'mod kwantitattiv. B'mod partikolari, ir-Rakkomandazzjoni:
- a) tinkludi gwida politika mmirata biex tiggarantixxi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali meħtieġa biex jiġu ffaċilitati d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, kif ukoll biex tiżgura l-protezzjoni tal-ħaddiema, tal-impjegaturi, tal-organizzazzjonijiet tagħhom u tar-rappreżentanti tagħhom;
 - b) ittenni l-ħtieġa li jiġi pprovdut appoġġ istituzzjonali xieraq li jrawwem djalogu soċjali sinifikattiv u l-involviment effettiv tas-sħab soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti;
 - c) telenka l-prinċipji applikabbli għal dimensjonijiet ewlenin bħal proċeduri ta' rikonoxximent u rappreżentanza, kif ukoll proċeduri ta' konċiljazzjoni, medjazzjoni jew arbitraġġ;
 - d) tinkludi gwida politika dwar l-aċċess tas-sħab soċjali għall-informazzjoni rilevanti kollha għall-parteċipazzjoni effettiva fin-negozjar kollettiv, u għall-appoġġ rilevanti għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet;
 - e) tistabbilixxi l-oġettiv ta' livell oġġla ta' kopertura effettiva tan-negozjar kollettiv, fuq il-bażi li tiffaċilitaha fil-livelli xierqa kollha filwaqt li tinkoraġġixxi l-koordinazzjoni bejn daww il-livelli;
 - f) tenfasizza, fil-kuntest attwali tat-tranżizzjoni diġitali, ekoloġika u dik demografika, l-importanza li l-implimentazzjoni ta' tali prinċipji politiċi tiġi adattata għad-dinja l-għdida tax-xogħol.

OTTIMIZZAZZJONI TAS-SORSI TAD-DATA EŻISTENTI

8. **Il-ġbir tad-data għall-finijiet tal-monitoraġġ tar-Rakkomandazzjoni għandu jiżgura bilanċ ottimali bejn il-ħtieġa għal informazzjoni aġġornata suffiċjenti u l-ħtieġa li jiġi minimizzat kwalunkwe piż amministrattiv addizzjonali.** B'dan il-ksieb, il-lievi politiċi proposti jistgħu fil-biċċa l-kbira jiġu ddokumentati abbażi tal-użu ottimizzat tad-data eżistenti. Tali ottimizzazzjoni tista' tkun iggwidata minn żewġ prinċipji. L-ewwel nett, is-sorsi ta' data eżistenti għandhom jintużaw fejn disponibbli biex jipprovdu informazzjoni dwar il-lievi politiċi, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għal ġbir ta' data ġdid. It-tieni, id-data diġà miġbura fil-kuntest ta' eżerċizzji oħra ta' rappurtar għandha tintuża sal-aktar punt rilevanti.
9. **Is-sorsi tad-data eżistenti meqjusa rilevanti għall-fini tal-monitoraġġ tar-Rakkomandazzjoni jinkludu l-bażijiet tad-data elenkati f'dan il-paragrafu. It-tabella fl-anness tipprovdi mmappjar dettaljat tal-lievi politiċi li dawn ikopru.**
 - a) Il-bażi tad-data tal-OECD/AIAS dwar il-Karatteristiċi Istituzzjonali tat-Trade Unions, l-Iffissar tal-Pagi, l-Intervent u l-Patti Soċjali (ICTWSS) hija meqjusa partikolarment rilevanti biex jiġi vvalutat ir-rispett tal-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv, il-livell ta' appoġġ istituzzjonali għad-djalogu soċjali, il-kwalità tal-oqfsa li jiffaċilitaw in-negozjar kollettiv, u r-rati ta' kopertura tan-negozjar kollettiv (lievi politiċi A, E, J, K).
 - b) Il-Bażi tad-Data Legali tal-ILO dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (IRLex) u l-Bażi tad-Data tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar ix-xogħol, is-sigurtà soċjali u d-drittijiet tal-bniedem relatati (NATLEX) jipprovdu informazzjoni addizzjonali rilevanti. Dawn jikkomplementaw id-data tal-OECD/AIAS għall-punti elenkati fil-paragrafu preċedenti. Barra minn hekk, dawn jippermettu l-valutazzjoni tal-garanziji ta' indipendenza mogħtija lis-sħab soċjali, l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni rilevanti biex jipparteċipaw fid-djalogu soċjali, il-proċeduri ta' rikonoxximent u ta' determinazzjoni tar-rappreżentattività, ir-rikonoxximent tar-rwol tagħhom fl-istrutturi u l-proċessi tad-djalogu soċjali, u l-eżistenza ta' sistemi li jinfurzaw il-ftěhimiet kollettivi (lievi politiċi A, B, C, E, G, H, I, J, L).

- c) Ir-rapporti tal-Eurofound dwar l-involvement tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika, inkluż fis-Semestru Ewropew, jipprovdu data rilevanti dwar miżuri ta' appoġġ istituzzjonali, l-applikazzjoni tagħhom għat-tfassil tal-politika tal-UE u l-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' konċiljazzjoni, medjazzjoni jew arbitraġġ (lievi politiki E, F, I).
- d) Ir-riżorsi disponibbli fil-Kummissjoni jinkludu l-bażi tad-data tat-testi tad-djalogu soċjali, l-indikaturi dwar il-finanzjament tal-FSE+ u d-data dwar il-finanzjament tal-prerogattivi soċjali li jappoġġaw id-djalogu soċjali, l-għoti ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet konklużi fil-livell tal-UE u dwar l-użu tal-finanzjament tal-UE biex jiġi appoġġat id-djalogu soċjali (lieva politika N).

10. **L-ikkomplementar tas-settijiet tad-data eżistenti elenkati fil-paragrafu preċedenti għandu jsir mingħajr ma jiġu stabbiliti proċessi ġodda ta' rappurtar impenjattivi.** L-Istati Membri, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali nazzjonali tagħhom, jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jipprovdu deskrizzjonijiet konċiżi u informattivi tal-oqfsa, il-miżuri u l-mekkaniżmi nazzjonali rilevanti fis-seħħ. Il-lista ta' miżuri li għandhom jiġu ppreżentati mill-Istati Membri sas-7 ta' Diċembru 2025 dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, fl-applikazzjoni tal-Paragrafu 11 tagħha, turi kif dan l-iskambju ta' informazzjoni jista' jiġi organizzat b'mod flessibbli. Jiġifieri, dan jista' jinkiseb bl-użu mill-ġdid ta' informazzjoni li diġà saret disponibbli fil-kuntest ta' eżerċizzji oħra. B'mod partikolari, l-Istati Membri jistgħu jibbażaw ruħhom fuq il-proċessi ta' rappurtar li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' strumenti diġà eżistenti tal-UE. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll l-eżerċizzji ta' rappurtar u l-kontributi għall-użu mill-ġdid stabbiliti f'kuntesti istituzzjonali oħra (eż. l-OECD, l-ILO).
11. **Is-sorsi tad-data pprovduti mis-sħab soċjali, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, għandhom jiġu sfruttati sal-potenzjal sħiħ tagħhom.** Dan jinkludi data kondiżi fil-kuntest ta' konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali. Fil-livell Ewropew, l-informazzjoni kkomunikata mis-sħab soċjali dwar miżuri ta' politika rilevanti relatati mal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni għandha titqies ukoll mill-Kummissjoni u mill-EMCO fir-rwoli rispettivi tagħhom.

IMPLIMENTAZZJONI TA' MONITORAĠĠ EFFETTIV IBBAŻAT FUQ L-EVIDENZA

12. **Monitoraġġ effettiv ibbażat fuq l-evidenza tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv madwar -Unjoni Ewropea għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:** titjib tal-komparabbiltà tad-data eżistenti; titjib fil-kwalità tal-bażijiet tad-data rikonoxxuti eżistenti, inkluż billi jingħata kontribut għat-tisħiħ ta' dawk miżmuma mill-ILO u mill-OECD; u Rieżami tad-Djalogu Soċjali strutturat b'mod ċar ibbażat fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.
13. **Iż-żieda fil-komparabbiltà tad-data hija pass importanti lejn analiżi tal-kwalità fil-livell Ewropew.** Il-Kummissjoni tista' tesplora l-possibbiltà li taħdem f'koordinazzjoni mill-qrib mal-aġenziji rilevanti tal-UE għal dak l-għan. In-Network għall-analiżi u l-promozzjoni tad-djalogu soċjali tal-UE, stabbilit f'Jannar 2025 mal-Eurofound, jista' jikkontribwixxi għal tali analiżijiet, u jagħti kontribut utli għar-Rieżamijiet tad-Djalogu Soċjali tal-EMCO. Eventwalment, l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet meħuda b'rispons għar-Rakkomandazzjoni, li mistennija titħejja mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali, sas-7 ta' Diċembru 2029, tibbenefika wkoll minn tali appoġġ. L-eżerċizzji ta' rieżami u ta' evalwazzjoni għandhom dejjem ikunu bbażati fuq informazzjoni aġġornata.
14. **Kopertura uniformi tal-Istati Membri kollha mill-bażijiet tad-data rilevanti tal-ILO tirrappreżenta progress pożittiv.** Dan japplika għan-NATLEX, il-bażi tad-data tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar ix-xogħol, is-sigurtà soċjali u d-drittijiet tal-bniedem relatati, u għall-IRLex, il-bażi ta' data ġuridika dwar ir-relazzjonijiet industrijali. It-tnejn jikkostitwixxu sorsi utli, disponibbli f'format komparabbli. Meta jitqies li l-bażi tad-data IRLex bħalissa tkopri biss 14-il Stat Membru tal-UE, l-EMCO jhegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaħdmu mill-qrib mal-ILO biex jesploraw soluzzjonijiet biex tiżdied il-kopertura tagħha biex tinkludi l-pajjiżi kollha tal-UE u jiġu żgurati aġġornamenti regolari, b'enfasi fuq it-taqsimiet li jġibu valur miżjud għall-monitoraġġ tar-Rakkomandazzjoni.

15. **L-EMCO jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaħdmu mill-qrib mal-OECD biex iżommu, u, fejn rilevanti, jespandu l-bażi tad-data rilevanti tal-OECD/AIAS, hekk kif jitfaċċaw forom ġodda ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema** (eż. sħubija fil-bordijiet, kondiviżjoni tal-profitti). Dan japplika, b'mod partikolari, għall-Karatteristiċi Istituzzjonali tat-Trade Unions, l-Iffissar tal-Pagi, l-Intervent u l-Patti Soċjali (ICTWSS), li huwa sors ewlieni ta' data dwar id-djalogu soċjali. Il-varjabbli ewlenin (eż. il-kopertura tan-negozjar kollettiv, id-densità tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, kif ukoll informazzjoni kwalitattiva dwar id-drittijiet, il-patti u l-ftehimiet soċjali, u l-livelli ta' negozjar kollettiv u l-koordinazzjoni tagħhom) jiġu aġġornati kull sentejn, filwaqt li aġġornament sħiħ, inkluż il-profilu tal-pajjiżi, iseħħ kull erba' snin. Dan il-format jiżgura l-istabbiltà u l-komparabbiltà għall-monitoraġġ tad-dimensjonijiet ewlenin tan-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali.
16. **Il-ġbir tad-data mtejjeb ser jikkontribwixxi għal Rieżami ottimizzat tad-Djalogu Soċjali. F'konformità mal-Paragrafu 14 tar-Rakkomandazzjoni, l-EMCO, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, qed ifassal Rieżami ristrutturat li jiżgura wkoll monitoraġġ xieraq tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.** L-għan huwa li jiġi żgurat li l-isfidi speċifiċi għall-pajjiż relatati mad-djalogu soċjali jiġu diskussi b'mod aktar wiesa' fi ħdan l-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali tal-EMCO fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, flimkien ma' monitoraġġ fil-fond tad-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni, li jibda fl-2026. Ir-Rieżami jippermetti l-identifikazzjoni ta' lakuni ta' politika rilevanti, progress, kif ukoll Prattiki tajbin li ta' min jinxterdu biex jittejjeb id-djalogu soċjali madwar l-UE, wara proċess razzjonalizzat u simplifikat.

17. **Fir-rigward tat-titjib possibbli fil-ġbir tad-data elenkat fl-Anness, l-EMCO jistieden lill-Istati Membri - f'konsultazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali nazzjonali tagħhom - jieħdu passi gradwali biex isaħħu l-bażi tal-evidenza dwar id-djalogu soċjali, filwaqt li jibnu fuq dak li diġà huwa disponibbli fil-livell nazzjonali.** Jista' jkun hemm ħidma progressiva lejn tali titjib, l-ewwel qabel kollox bl-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata sa Diċembru 2025 biex tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, u bit-tkomplija tagħha fit-tħejjija għall-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-2029. F'dan il-kuntest, ir-Rieżamijiet tad-Djalogu Soċjali li għandhom jiġu organizzati mill-Kumitat fl-2026 u l-2028 ser jirrappreżentaw stadji importanti biex jittieħed kont tal-progress miksub u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' esperjenzi fost l-Istati Membri fit-titjib tal-ġbir tad-data fil-livell nazzjonali. L-isforzi għandhom jibqgħu proporzjonati għall-benefiċċji analitiċi mistennija u għandu jiġi evitat il-ħolqien ta' piżijiet ta' rappurtar bla bżonn, filwaqt li jiġi żgurat li l-progress jibqa' kemm sinifikattiv kif ukoll fattibbli.

18. Anness – Tabella komprensiva ta' lievi politiċi, b'immappjar dettaljat ta' riżorsi eżistenti utli u titjib rakkomandat fil-ġbir tad-data

Lieva politika	Dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni	Metodu ta' valutazzjoni Riżorsi eżistenti u titjib rakkomandat fil-ġbir tad-data
A) In-natura tar-regoli u l-mekkaniżmi li jggarantixxu r-rispett tal-libertà ta' assoċjazzjoni u tan-negozjar kollettiv, jiġifieri: - il-protezzjoni tal-ħaddiema, tal-impjegaturi, tal-membri tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali u tar-rappreżentanti taż-żewġ naħat minn kwalunkwe miżura li tista' tkun ta' ħsara għalihom, inkluż impatt negattiv fuq l-impjeg tagħhom - il-garanzija tal-awtonomija tas-sħab soċjali u l-libertà tal-partijiet fin-negozjati li jiddeċiedu dwar il-kwistjonijiet li għandhom jiġu nnegozjati	(1) (a), (5) u (8) (b)	<u>L-użu ta' sorsi eżistenti:</u> - Livell ta' protezzjoni tal-libertà ta' assoċjazzjoni u negozjar kollettiv: l-użu tad-data tal-OECD/AIAS database on Institutional Characteristics of Trade Unions, Wage Setting, Intervention and Social Pacts (ICTWSS) (it-taqsima A/drittijiet). - Miżuri li jipproteġu lill-ħaddiema, lill-impjegaturi, lill-organizzazzjonijiet u lir-rappreżentanti tagħhom: estrazzjoni fil-qosor tal-Bażi tad-Data Legali tal-ILO dwar ir-Relazzjonijiet industrijali (bażi tad-data IRLex) (it-taqsima 3 dedikata għall-protezzjonijiet leġislattivi). - Riżorsa addizzjonali dwar il-leġislazzjoni nazzjonali dwar ix-xogħol, is-sigurtà soċjali u d-drittijiet tal-bniedem relatati: Il-bażi tad-data tal-ILO dwar il-leġislazzjoni nazzjonali dwar ix-xogħol, is-sigurtà soċjali u d-drittijiet tal-bniedem relatati (NATLEX). - L-identifikazzjoni ta' allerti possibbli dwar restrizzjonijiet ta' suġġetti koperti minn negozjar kollettiv: estrazzjoni tal-varjabbli 63/73 (ħaddiema) u 60/70 (impjegaturi) tal-Indikatur SDG 8.8.2 dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonnoxximent effettiv tad-dritt ta' negozjar kollettiv.
B) In-natura tal-miżuri li jggarantixxu l-indipendenza tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom u jippromwovu l-involviment tagħhom fid-djalogu soċjali	(1) (b), (c) u (e), u (10) (a), (b), (c), (d), (i)	<u>L-użu ta' sorsi eżistenti:</u> - Protezzjoni legali eżistenti kontra atti ta' interferenza: estrazzjoni fil-qosor tad-data tal-IRLex (it-taqsima 3.2). <u>Titjib rakkomandat fil-ġbir tad-data:</u> - L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali nazzjonali, jistgħu jipprovdu deskrizzjoni konċiża ta' miżuri pożittivi mmirati lejn il-bini u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-indipendenza tas-sħab soċjali, u t-tisħiħ tal-involviment fid-djalogu soċjali min-naħa tal-partijiet kollha. Dan jista' jinkludi finanzjament, appoġġ loġistiku, l-għoti ta' taħriġ jew ta' għarfien espert legali u tekniku,

		appoġġ għat-tisħiħ tar-rappreżentattività/sħubija (mhux limitattiv). Dan l-eżerċizzju għas-sejba tad-data huwa wkoll sejħa għall-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki.
C) L-eżistenza ta' miżuri u mezzi biex jiġi żgurat l-aċċess tas-sħab soċjali għall-informazzjoni rilevanti meħtieġa għall-parteċipazzjoni fid-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv	(1) (d) u (3)	<u>L-użu ta' sorsi eżistenti:</u> - Aċċess tas-sħab soċjali għall-informazzjoni fil-livell tal-post tax-xogħol: estrazzjoni fil-qosor tal-bażi tad-data IRLex (it-taqsim 5). <u>Titjib rakkomandat fil-ġbir tad-data:</u> - L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali nazzjonali, jistgħu jipprovdu deskrizzjoni konċiża tal-miżuri u l-mezzi li jeżistu fl-Istat Membru.
D) L-adattament tar-regoli u l-miżuri elenkati taħt il-lievi politiċi A sa C għall-era diġitali, id-dinja l-ġdida tax-xogħol (inkluż forom ġodda u mhux standard ta' xogħol), tranżizzjoni demografika u tranżizzjoni ekoloġika ekwi u ġusti, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u opportunitajiet indaqs	(1) (f), (8) (a) u (10) (e) (f)	<u>L-ebda sors eżistenti sistematiku/komparabbli</u> <u>Titjib rakkomandat fil-ġbir tad-data:</u> - L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali nazzjonali, jistgħu jipprovdu informazzjoni konċiża dwar l-adattament rilevanti tar-regoli u l-miżuri tagħhom, bl-għan li jagħmluhom adattati għad-dimensjonijiet elenkati fil-lieva politika. Dan jista' jinkludi l-promozzjoni tan-negozjar kollettiv f'kuntesti rilevanti għal dawn id-dimensjonijiet, it-tneħħija ta' ostakli speċifiċi għad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv f'kuntesti bħal dawn, l-appoġġ għall-adattament tal-attivitàjiet tas-sħab soċjali (mhux limitattiv). Dan l-eżerċizzju għas-sejba tad-data huwa wkoll sejħa għall-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki li jistgħu jwittu t-triq għal skambju produttiv fil-futur.
E) L-eżistenza ta' miżuri biex jiġi pprovdut appoġġ istituzzjonali xieraq għall-fini tat-trawwim ta' djalogu soċjali sinifikanti, b'mod partikolari mekkaniżmi, stabbiliti fil-liġi jew fil-prattika istituzzjonali, li jipprevedu l-involvement sistematiku, effettiv u f'waqtu tas-sħab soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-impjieg u dawk soċjali, kif ukoll politiki ekonomiċi u politiki pubbliċi oħra	(1) (g) u (2)	<u>L-użu ta' sorsi eżistenti:</u> - Mekkaniżmi ewlenin ta' involviment: estrazzjoni tad-data tal-IRLex (it-taqsim 4) u l-OECD/ICTWSS (it-taqsim "patti u ftehimiet soċjali") li tipprovdi listi ta' mekkaniżmi dokumentati (bl-identifikazzjoni tal-bażi tagħhom: kostituzzjonali, legali jew prattika). L-Istati Membri jistgħu jipprovdu informazzjoni komplementari. <u>Titjib rakkomandat fil-ġbir tad-data:</u> - L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali nazzjonali, jistgħu jipprovdu informazzjoni konċiża dwar in-natura sistematika, effettiva u f'waqtha tal-involvement tas-sħab soċjali.

F) Fl-applikazzjoni tal-miżuri u l-mekkaniżmi msemija fil-lieva politika E, is-sħab soċjali huma involuti b'mod sistematiku, sinifikattiv u f'waqtu fil-kuntest tas-Semestru Ewropew	(2)	<u>L-użu ta' sorsi eżistenti:</u> - Applikazzjoni tal-mekkaniżmi msemija hawn fuq għas-Semestru Ewropew: l-użu tad-data tal-Eurofound (studji dwar l-"involvement tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika" – ħolqa għall-ħarġa tal-2024) tippermetti l-kategorizzazzjoni tal-Istati Membri fil-kategoriji li ġejjin: <u>*Le:</u> Is-sħab soċjali nazzjonali/reġjonali mhumex involuti fil-proċess tas-Semestru Ewropew <u>*Iva:</u> Is-sħab soċjali nazzjonali/reġjonali huma involuti fil-proċess tas-Semestru Ewropew permezz ta' applikazzjoni awtomatika tal-mekkaniżmi identifikati taħt il-lieva politika preċedenti. <u>*Iva (ad hoc):</u> Is-sħab soċjali huma involuti fil-proċess tas-Semestru Ewropew permezz ta' mekkaniżmi ad hoc - L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali nazzjonali, jistgħu joffru informazzjoni konċiża komplementari.
G) Fil-kuntest tal-ġoti tad-dritt ta' negozjar kollettiv: l-eżistenza ta' proċeduri trasparenti ta' rikonoxximent u ta' determinazzjoni tar-rappreżentattività, ibbażati fuq kriterji oġġettivi stabbiliti minn qabel, stabbiliti f'konsultazzjoni mat-trade unions u mal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi.	(4) (a)	<u>L-użu ta' sorsi eżistenti:</u> - Identifikazzjoni u karatterizzazzjoni tal-proċeduri rilevanti: Estrazzjoni konċiża tad-data tal-IRLex (it-taqsimiet 2.1.3 u 6.2.1/6.2.2 għall-kriterji u l-bażi legali) (kriterji, proċeduri għad-definizzjoni u r-rieżami, data tal-aħħar rieżami, konsultazzjoni tas-sħab soċjali fil-proċess). L-Istati Membri jistgħu jipprovdu informazzjoni komplementari. - It-Taqsim D tal-bażi tad-data tal-ICTWSS tipprovdi informazzjoni fattwali dwar il-kunsilli tax-xogħol u r-rappreżentanza tal-impjegati fl-intrapriża.

H) L-eżistenza ta' regoli biex jiġi żgurat li r-rwol speċifiku tas-sħab soċjali fl-istrutturi u l-proċessi tad-djalogu soċjali jiġi rikonoxxut u rrispettat bis-sħiħ, b'mod partikolari a) mingħajr ma l-pożizzjonijiet tat-trade unions jew tar-rappreżentanti tagħhom jiġu mminati f'impriżi fejn ikunu preżenti rappreżentanti tal-ħaddiema eletti; u b) mingħajr konfużjoni ma' forom oħra ta' djalogu li jinvolvu sett usa' ta' partijiet ikkonċernati.	(4) (b) u (c)	<u>L-użu ta' sorsi eżistenti:</u> - Informazzjoni rilevanti limitata hija pprovduta fil-bażi tad-data IRLex (it-taqsimi 3; u t-Taqsimi 6.4 li tkopri s-sigurtà tat-trade unions), mhux speċifika għall-abbużi definiti skont id-dispożizzjoni 4 tar-Rakkomandazzjoni. <u>Titjib rakkomandat fil-ġbir tad-data:</u> - L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali nazzjonali, jistgħu jipprovdu deskrizzjoni konċiża tal-miżuri meħuda fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet (4) (b) u (c) tar-Rakkomandazzjoni (dispożizzjonijiet applikabbli ewlenin, referenza legali).
I) Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' aċċess għal proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji: l-eżistenza u l-promozzjoni ta' mekkaniżmi stabbiliti mis-sħab soċjali biex isolvu tilwim ta' xogħol bħal konċiljazzjoni, medjazzjoni jew arbitraġġ, bil-qbil taż-żewġ partijiet, bl-għan li jiġi ffaċilitat in-negozjar u titjeb l-applikazzjoni tal-ftehimiet kollettivi; u funzjoni ta' medjazzjoni li tista' tiġi attivata f'każ ta' kunflitt bejn it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi.	(6)	<u>L-użu ta' sorsi eżistenti:</u> - Deskrizzjoni tal-mekkaniżmi eżistenti ta' konċiljazzjoni, medjazzjoni u arbitraġġ: estrazzjoni konċiża ta' data tal-IRLex (it-taqsimiet 7.1 u 7.2) - Eżempji ta' prattiki nazzjonali utli: Eurofound (2022) "Collective labour disputes in the EU" (2022) <u>Titjib rakkomandat fil-ġbir tad-data:</u> - L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali nazzjonali, jistgħu jipprovdu informazzjoni komplementari jew aġġornamenti dwar l-istabbiliment u l-użu ta' mekkaniżmi ta' konċiljazzjoni, medjazzjoni u arbitraġġ applikati għan-negozjar u l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi, u għal każijiet ta' kunflitt.
J) L-eżistenza ta' qafas legali u/jew politiku li għandu l-għan li jiffaċilita n-negozjar kollettiv fil-livelli transsettorjali, settorjali u tal-kumpaniji,	(7)	<u>L-użu ta' sorsi eżistenti:</u> - Livelli ta' negozjar kollettiv u l-koordinazzjoni tagħhom: l-użu tad-data tal-OECS/ICTWSS (taqsimi B "Iffissar tal-Pagi"/subtaqsimi "Ċentralizzazzjoni u organizzazzjoni ta' negozjar fuq diversi livelli") – dan huwa speċifiku għall-iffissar tal-pagi iżda jista' jintuża bħala indikatur indirett/indikatur. Il-varjabbli

inkluż politiki u/jew miżuri mmirati lejn il-koordinazzjoni fost dawk il-livelli.		fit-taqsimi B jippermettu wkoll li jiġi mmonitorjat l-iżvilupp tan-negozjar kollettiv fil-livelli kollha u jhegħu l-koordinazzjoni bejn dawk il-livelli u fosthom. - Informazzjoni komplementari dwar l-effetti legali tal-ftehimiet kollettivi u l-estensjoni: estrazzjoni fil-qosor tat-taqsimiet 6.3 u 6.9 jew il-bażi tad-data IRLex. <u>Titjib rakkomandat fil-ġbir tad-data:</u> - L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali nazzjonali, jistgħu jipprovdu informazzjoni komplementari dwar miżuri abilitanti meta jqisu li dan ikun iġġustifikat.
K) Ir-rata ta' kopertura tan-negozjar kollettiv nazzjonali (Indikatur kwantitattiv).	(8)	<u>L-użu ta' sorsi eżistenti:</u> - Ir-rata ta' kopertura tan-negozjar kollettiv, id-densità tat-trade unions u d-densità tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi: id-data tal-OECD/ICTWSS (taqsimiet: organizzazzjoni tal-impjegaturi, sħubija fit-trade unions u densità tal-unions, kopertura tan-negozjar kollettiv). <u>Titjib rakkomandat fil-ġbir tad-data:</u> - L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali nazzjonali, jistgħu jipprovdu eżempji ta' kopertura tan-negozjar kollettiv fil-każ ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom u/jew ħaddiema tal-pjattaformi.
L) L-eżistenza ta' sett ta' miżuri u/jew politiki li jkopru sistema ta' infurzar ta' ftehimiet kollettivi skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali, inkluż, fejn xieraq, spezzjonijiet u sanzjonijiet.	(8) (c)	<u>L-użu ta' sorsi eżistenti:</u> - Qafas legali applikabbli għall-kopertura ta' osservanza/konformità tal-ftehimiet kollettivi: il-bażi tad-data IRLex, it-taqsimiet 6.6 u 6.8. <u>Titjib rakkomandat fil-ġbir tad-data:</u> - L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali nazzjonali, jistgħu jipprovdu informazzjoni komplementari dwar miżuri li jirregolaw l-infurzar ta' ftehimiet kollettivi (inkluż l-eżistenza ta' spezzjonijiet u sanzjonijiet).

M) L-eżistenza ta' miżuri, inkluż miżuri ta' pubblikazzjoni u komunikazzjoni kif ukoll repożitorji, li għandhom l-għan li jikkondividu u jippromwovu l-eżiti u l-valur miżjud tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv.	(9)	<u>L-ebda sors eżistenti sistematiku/komparabbli</u> <u>Titjib rakkomandat fil-ġbir tad-data:</u> - Miżuri meħuda biex jippromwovu l-benefiċċji u l-valur miżjud tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv: L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni konċiża; u dwar l-eżistenza ta' repożitorji u modi oħra kif jiġu ppubblikati/isiru aċċessibbli l-ftehimiet kollettivi.
N) L-eżistenza ta' miżuri u azzjonijiet li għandhom l-għan li jottimizzaw l-integrazzjoni tal-livell Ewropew fi djalogu soċjali effettiv u negozjar kollettiv, inkluż permezz ta' a) il-faċilitazzjoni tal-kollaborazzjoni bejn is-sħab soċjali fil-livell nazzjonali u Ewropew; b) l-għoti ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet tas-sħab soċjali konklużi fil-livell tal-Unjoni; u c) isir l-aħjar użu mill-finanzjament tal-Unjoni u li s-sħab soċjali jiġu mħeġġa jużaw il-finanzjament eżistenti tal-Unjoni.	(10) (g) (h) (i)	<u>L-użu ta' sorsi eżistenti:</u> - Implimentazzjoni tal-ftehimiet tas-sħab soċjali fil-livell tal-UE: rapporti lill-kumitati (settorjali) tad-djalogu soċjali dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet awtonomi (disponibbli permezz tal-bażi tad-data tat-testi tad-djalogu soċjali tal-Kummissjoni Ewropea). - Użu tal-finanzjament tal-Unjoni: data eżistenti miġbura mill-Kummissjoni dwar finanzjament immirat tal-FSE+ u tat-TSI kif ukoll finanzjament ta' prerogattiva soċjali b'appoġġ għad-djalogu soċjali. <u>Titjib rakkomandat fil-ġbir tad-data:</u> - Kollaborazzjoni mas-sħab soċjali fil-livell tal-UE: L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali nazzjonali, jistgħu jipprovdu spjegazzjoni konċiża dwar kwalunkwe miżura mmirata rilevanti. - Implimentazzjoni tal-ftehimiet tas-sħab soċjali fil-livell tal-UE: L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali nazzjonali, jistgħu jipprovdu spjegazzjoni komplementari qasir dwar miżuri ta' appoġġ, meta rilevanti. - Użu ta' finanzjament tal-Unjoni: L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali nazzjonali, jistgħu jqisu jipprovdu informazzjoni dwar miżuri li jinkoraġġixxu l-użu tal-finanzjament tal-Unjoni.